MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1433/2005

**Paul Buhagiar [ID 76464M]**

**Vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti danni kkagunati bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Settembru, 2004 ghall-habta ta' nofs il-lejl meta waqt li l-attur kien qed isuq vettura numru JAB 628 gewwa Triq il-Baltiku, San Giljan, bla htija ta' xejn da parti tieghu, laqat tappiera tad-drenagg li rrizulta li ma kienetx fil-pozizzjoni proprja taghha izda kienet imqieghda bil-maqlub bil-konsegwenza li saret hsara fil-vettura tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-korporazzjoni konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-korporazzjoni konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta thallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------